



KESE info



EDITORJAL

Għeżież qarreja,

Nixtieq nieħu din l-opportunità biex inħarsu lura lejn xi kisbiet ewlenin fil-qasam tal-komunikazzjoni matul l-ewwel sena tal-mandat attwali tal-KESE. Se nisplegja wkoll xi wħud mill-opportunitajiet ta' komunikazzjoni prinċipali għal matul ix-xhur li għejjin. Din l-ispjegha għandha tintfiehmed bħala ħarsa minn qabel lejn attivitajiet futuri, aħna u nimxu lejn politika ta' komunikazzjoni tal-KESE aktar effettiva.

Reċentement, is-sessjoni plenarja ta' Lulju kienet ikkaratterizzata minn żewġ opinjonijiet li jitrattaw żewġ suġġetti delikati, waħda dwar iż-żamma tal-industrija tal-azzar fl-Ewropa u l-impjegji tagħha u l-oħra dwar jekk l-UE għandhiex tagħti liċ-Ċina l-istatus ta' ekonomija tas-suq (MES). Il-KESE qal b'mod ċar u tond li l-għotja ta' MES liċ-Ċina tfsiser periklu għall-industrija ewlenin tal-Ewropa. Din il-linja ċara min-naħa tas-soċjetà ċivili għibdet l-attenzjoni tal-midja li tirrifletti t-tassib taċ-ċittadini Ewropej dwar deċiżjoni li jista' jkollha impatt drammatiku fuq il-ħajjithom. M'hemm l-ebda dubju li aħna indirizzajna t-tassib ta' min iħaddem, tal-ħaddiema u tal-konsumaturi fl-istess ħin, u nittama li l-kopertura ta' dawn id-dibattiti f'din il-ħarġa se jkunu ta' interess għalikom ukoll.

L-obsolenza ppjanata kompliet tkun punt fokali importanti ieħor għall-ħidma tal-istampa tal-KESE matul is-sena li għaddiet. Wara li mexxa kampanja għal azzjoni tal-UE bl-Opinjoni tiegħu fl-2013, il-KESE ppubblika studju importanti dwar it-tikkettar tat-tul tal-ħajja tal-prodott li jindika li l-konsumaturi huma lesti li jħallu aktar għal prodotti li jservu aktar fit-tul. Għal darb'oħra, il-KESE beda l-ħidma tiegħu b'antiċipazzjoni ta' dossier inevitabli: l-ekonomija ċirkolari.

Il-KESE kien ukoll attiv ħafna fil-promozzjoni tad-drittijiet tal-persuni b'diżabilità. L-avveniment organizzat fl-14 ta' Diċembru biex jikkommemora l-Jum Internazzjonali tal-Persuni b'Diżabilità b'segwitu għall-Att dwar l-Aċċessibiltà tal-UE afferma mill-ġdid l-impenn tal-KESE biex jiżgura li l-persuni b'diżabilità jkollhom vuċi fid-deċiżjonijiet kollha li jaffettwawhom. Il-Premju għas-Soċjetà Ċivili 2015 iffoka wkoll fuq il-faqar fl-Ewropa u appoġġja l-aħjar prattiki ta' organizzazzjonijiet lokali li jiġġieldu kontra l-faqar fl-Ewropa. Is-suċċess u r-rwol tal-KESE fil-promozzjoni tad-drittijiet tal-vittmi fl-Ewropa kienu koperti wkoll mill-midja ta' profil għoli f'Novembru li għadda biex tiġi enfazzjata d-data tat-traspożizzjoni tad-Direttiva tal-UE li kienet appoġġjata mill-Kumitat mill-bidu nett.

Il-migrazzjoni u l-integrazzjoni tal-migranti u r-refuġjati fl-UE kienu kwistjonijiet rikorrenti matul l-attivitajiet tal-2016 tal-KESE. Mis-sensjoni ta' misjonijiet ta' għir ta' informazzjoni fl-aktar pajjiżi affettwati u l-proposti konkreti li ħarġu minnha għal dawk li jfasslu l-politika tal-UE, sa dibattiti taż-żgħirażgħir matul "L-Ewropa Tiegħek, Leħnek! 2016" fi Brussell, sar ħafna biex tiġi promossa soluzzjoni sostenibbli. Il-Premju għas-Soċjetà Ċivili 2016 li ser jingħata f'Diċembru lil organizzazzjonijiet li jappoġġjaw lill-migranti, se jkun il-qofol ta' sena ta' sforz sostnut.

Din il-ħarifa, il-KESE ser jibda wkoll sensiela ewlenija ġdida ta' misjonijiet ta' għir ta' informazzjoni li se tesplora s-sitwazzjoni tad-drittijiet soċjali fl-Istati Membri tal-UE. Is-seminar tas-soċjetà ċivili dwar il-mezzi tax-xandir tal-KESE se jiġi organizzat fi Vjenna mill-24 sal-25 ta' Novembru. Se nkomplu nikkonsultaw b'mod wiesa' fil-Kumitat kollu dwar l-iżvilupp ta' sit web tal-KESE ġdid. Permezz tal-attivitajiet tad-Dipartiment tal-Komunikazzjoni, minn pubblikazzjonijiet ewlenin u l-promozzjoni tal-istampa u tal-midja soċjali sal-organizzazzjoni ta' bosta avvenimenti u attivitajiet u l-ilqugħ ta' eluf ta' viżitaturi minn madwar l-UE, aħna ħerqana li nappoġġjaw aktar il-ħidma konsultattiva importanti tal-Kumitat u li nsaħħu l-vuċi kemm tal-KESE kif ukoll tas-soċjetà ċivili fl-UE. L-inizjattiva "going local" hija prijorità tal-mandat tagħna. Il-membri tal-KESE huma ankratati sew fl-entitajiet tal-Istati Membri u bħala tali għandhom kemm l-abbiltà kif ukoll l-obbligu mhux biss li jressqu l-opinjoni tagħhom fi Brussell, iżda wkoll li jikkomunikaw l-Ewropa lura f'pajjiżhom.

Naturalment, il-komunikazzjoni hija proċess bidirezjonali u b'responsabbiltà konġunta, u l-attività ewlenija tal-KESE hija l-ħidma iebesha tal-membri u s-sezzjonijiet tiegħu fit-tnejn ta' opinjonijiet li jgħinu fit-tfassil tal-leġislażzjoni tal-UE. Madankollu, il-komunikazzjoni għandha rwol importanti biex din il-ħidma titwassal għall-attenzjoni tal-pubbliku.

Għall-istaġun li jmiss, meta l-Prezidenza Slovakkja se torganizza għadd ta' attivitajiet, ser inkomplu niffokaw fuq il-komunikazzjoni tal-ħidma ta' kwalità tagħna fit-tfittxija għal soluzzjonijiet Ewropej għall-isfidi li qed inħabbtu wiċċna magħhom. Ejja nagħmlu dan flimkien!

Gonçalo Lobo Xavier

Viċi President tal-KESE għall-Komunikazzjoni

DATI GħAD-DJARJU

19-20 ta' Ottubru / KESE, Brussell: sessjoni plenarja tal-KESE

F'DIN IL-ħARĠA

2 "Il-kompetizzjoni tikkonċerna lil kulħadd", tgħid il-Kummissarju Vestager lis-sessjoni plenarja tal-KESE

3 Deterjorament fir-relazzjonijiet tax-xogħol u d-drittijiet fir-Renju Unit: rapport ġdid mill-Grupp tal-Ħaddiema tal-KESE

4 Delegazzjoni tal-KESE għamlet żjara f'Moska biex tappoġġja djalogu kontinwu mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew pont bejn l-UE u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili Settembru 2016 | MT

Il-KESE kontra l-għoti tal-istatus ta' ekonomija tas-suq liċ-Ċina

Il-KESE diġà wissa kontra l-għoti ta' status ta' ekonomija tas-suq (MES) liċ-Ċina u qed jappella lill-istituzzjonijiet Ewropej biex jiddefendu b'mod attiv l-impjegji Ewropej u l-valuri Ewropej permezz tal-użu effettiv ta' strumenti tad-difiża tal-kummerċ. Fl-opinjoni tiegħu, adottata fl-14 ta' Lulju, il-KESE jenfasizza l-impatt potenzjalment katastrofiku tal-għoti ta' MES liċ-Ċina fuq l-ekonomija Ewropea u s-suq tax-xogħol.

"L-industrija Ewropea teħtieġ kundizzjonijiet ekwi u li tiġi protetta minn prattiki inġusti tal-kompetizzjoni. Sakemm iċ-Ċina ma tissodisfax il-ħames kriterji tal-UE, ma tikkwalifikax bħala ekonomija tas-suq," irrimarka r-relatur Andrés Barceló (Grupp ta' Min Iħaddem – ES).

L-industrija li huma partikolarment affettwati jinkludu: tal-aluminju, tar-roti, taċ-ċeramika, tal-ħġieġ, tal-partijiet tal-vetturi, tal-karti u tal-azzar. Il-KESE huwa mħasseb ukoll dwar l-impatt fuq l-innovazzjoni u għaldaqstant fuq il-kompetittività tal-Ewropa. "Il-katina tal-valur industrijali sħiħa tkun ipperikolata u l-Ewropa tista' tissogra li titlef għadd kbir ta' impjegji, inklużi xogħlijiet speċjalizzati ħafna. Il-kompetittività tagħna tkun f'riskju, peress li industrija b'saħħitha biss hija kapaċi li tinvesti fir-riċerka u l-iżvilupp,



Mix-xellug għal-lemin: il-membri tal-KESE Andrés Barceló, relatur tal-Opinjoni dwar l-azzar u tal-Opinjoni dwar l-istatus ta' ekonomija tas-suq, u d-delegati tas-CCMI Enrico Gibellieri u Gerald Kreuzer, korelaturi tal-Opinjoni dwar l-azzar u dwar l-istatus ta' ekonomija tas-suq rispettivament, waqt id-dibattitu tal-plenarja

saħaq il-korelatur Gerald Kreuzer (delegat tas-CCMI – AU).

Minbarra l-impatt tiegħu fuq l-impjegji, it-tkabbir u l-innovazzjoni fl-Ewropa, l-għoti ta' MES liċ-Ċina jkun intopp serju għall-ambizzjonijiet tal-Ewropa fil-qasam tal-iżvilupp sostenibbli u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima.

Il-KESE se jwaqqaf proġett speċjali f'isem is-soċjetà ċivili organizzata biex jissorvelja l-kwistjoni tal-istatus ta' ekonomija tas-suq għaċ-Ċina. (sma)



©shutterstock/Talana33

L-industrija tal-azzar fl-Ewropa teħtieġ kundizzjonijiet ekwi sabiex tibqa' ħajja

L-industrija tal-azzar fl-Ewropa ntlaqtet mill-kriżi ekonomika u minn dulluvju ta' importazzjonijiet li ġew negożjati b'mod inġust, li naqqsu l-prezzijiet tal-azzar u kasegwentement taw daqqa ta' ħarta kbira ħafna lill-produzzjoni Ewropea tal-azzar. "Neħtieġ kundizzjonijiet ekwi għall-industrija Ewropea tal-azzar", qal Andrés Barceló (Grupp ta' Min Iħaddem – ES), relatur tal-Opinjoni **L-azzar: Iż-żamma tal-impjegji sostenibbli u t-tkabbir fl-Ewropa.**

Din hija r-raġuni għalfejn il-KESE jopponi wkoll l-għoti ta' MES (status ta' ekonomija tas-suq) liċ-Ċina peress li dan ikun ifisser "li l-impjeggi jiġu esternalizzati, it-tniġġis jiġi importat u fl-aħħar nett, tinqered l-industrija tal-azzar tal-Ewropa".

Minflok, il-KESE ħareġ b'diversi proposti dwar kif jista' jerġa' jkun hemm kundizzjonijiet ekwi, u b'mod partikolari qed



©shutterstock/SherakovDmytro

iħares lejn miżuri anti-dumping, l-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (ETS) u l-investiment:

- It-tisħiħ tal-effettività u l-efċjenza ta' strumenti ta' difiża tal-kummerċ; jiġifieri l-abolizzjoni tar-regola tad-dazju inferjuri jew billi l-importazzjonijiet jiġu reġistrati qabel l-adozzjoni ta' miżuri provviżorji, eċċ.
- L-għoti ta' kwoti mingħajr ħlas lill-iżjed faċilitajiet kompetittivi

u kumpens lill-industrija Ewropea għall-ispejjeż indiretti li jirriżultaw mill-ETS.

• It-tisħiħ tal-investiment: l-immodernizzar tal-impjanti u t-tagħmir, ir-riċerka u l-iżvilupp ta' prodotti ġodda u aħjar u proċessi aktar effiċjenti sabiex nibaqgħu l-aktar avvanzati fit-teknoloġija.

Il-KESE jappella wkoll li jiġi stabbilit mill-ġdid u malajr il-Grupp ta' Livell Għoli dwar l-Azzar. "L-industrija tal-azzar hija l-bażi tal-industrija Ewropea, għalhekk jeħtieġ li tingħata l-attenzjoni kollha tagħna", qal il-korelatur Enrico Gibellieri (delegat tas-CCMI – IT). (sma)



Il-kompetizzjoni tikkonċerna lil kulħadd u twassal għal soċjetà ġusta u ekonomija b'saħħitha, il-Kummissarju Vestager qalet fil-plenarja tal-KESE

Margrethe Vestager, Kummissarju Ewropew għall-Kompetizzjoni, argumentat li hemm każ b'saħħtu favur politika tal-kompetizzjoni tal-UE bbażata fuq il-konsumaturi, in-negozji u l-ġustizzja soċjali waqt is-sessjoni plenarja tal-KESE tal-14 ta' Lulju. Filwaqt li semmiet eżempji reċenti importanti fl-oqsma tal-enerġija, it-trasport, l-għajnuna mill-istat u t-tassazzjoni, il-Kummissarju enfasizzat li l-kompetizzjoni għieghlet lill-kumpaniji jbaixx l-prezzijiet u jtejjeb l-i-produotti, għet l-investiment ekonomiku u ħolqot l-impjieg.

"L-UE hija dwar niesha. Hija dwar il-bżonn li ningħaqdu flimkien biex insibu soluzzjonijiet għal problemi komuni", qalet il-Kummissarju Vestager, "[f'dan il-Kumitat], intom tittrattaw kwistjonijiet li jaffettwaw il-ħajja ta' kuljum tan-nies [...] u li wieħed jifhem x'jeħtieġ li jsir sabiex tgħinuuhom. L-Opinjoni tagħkom dwar Ir-Rapport tal-Kompetizzjoni Annwali għall-2014 tagħna tibda b'punt li jien naħseb huwa fundamentali: il-kompetizzjoni tgħin lil kulħadd. Mhux biss lill-konsumaturi iżda anke lill-impriżi u lill-ħaddiema."



Margrethe Vestager, Kummissarju tal-UE għall-Kompetizzjoni u Georges Dassis, il-President tal-KESE

Il-membri tal-KESE esprimew l-appoġġ tagħhom għall-politika eżerċitata mill-Kummissarju Vestager u enfasizzaw il-kwistjonijiet attwali fl-industrija tal-azzar u tal-ferroviji fir-rigward taċ-Ċina. Tqajjem ukoll is-suġġett ta' dumping soċjali, kif ukoll l-evitar tat-taxxa u d-distorsjoni tal-kundizzjonijiet ta' impjieg, l-ostakli għall-kummerċ elettroniku għall-SMEs u l-abbuż tal-pożizzjoni tas-suq f'setturi li qabel kienu dominati minn monopolji nazzjonali.

Il-President tal-KESE, Georges Dassis, irrin-grazzja lill-Kummissarju Vestager u laqa' b'sodisfazzjon l-approċċ soċjalment inklużiv tagħha għall-kompetizzjoni, u ħeġġiġha biex issegwi u twettaq l-impjenji tagħha. (cad)

Il-KESE jappella għal azzjoni qawwija tal-UE kontra t-traffikar ta' organiżmi salvaġġi

It-traffikar ta' organiżmi salvaġġi sar wieħed mill-aktar attivitajiet profitabbli illegali fid-dinja minħabba d-domanda kbira u r-riskju baxx ta' detezzjoni. Fl-Opinjoni tiegħu, adottata fil-plenarja tiegħu ta' Lulju, il-KESE jilqa' l-proposta għal Pjan ta' Azzjoni tal-UE kontra t-traffikar tal-organiżmi salvaġġi u jenfazizza li dan ir-reat għandu jiġi ttrattat f'livelli differenti tal-katina tal-provvista:

- Fil-livell tal-komunità f'pajjiżi ta' oriġini, permezz tas-sensibilizzazzjoni u l-ħolqien ta' impjegi sostenibbli u dħul bħala alternattivi għall-kaċċa illegali u t-traffikar;
- Fil-livell tal-kriminalità organizzata, billi tiġi implimentata sistema ta' sanzjonijiet komuni u effettivi;
- Fil-livell tad-domanda, permezz tas-sensibilizzazzjoni ta' negozji u konsumaturi u l-ħolqien ta' sistema ta' traċċabilità u tikkettar;
- Fil-livell tal-ġudikatura, permezz tal-promozzjoni tal-infurzar u billi jingħata taħriġ lill-imħallfin biex ikunu żgurati sentenzi konsistenti u proporzjonali.

Madankollu, il-Kummissjoni Ewropea ma tagħmel l-ebda referenza għat-theddida għas-saħħa pubblika u għall-ispeċijiet indiġeni tal-annimali u l-pjanti. Din il-kwistjoni hija rilevanti ħafna u għaldaqstant trid tiġi assolutament inkluda fil-Pjan ta' Azzjoni tal-UE. Sistemi ta' tikkettar u traċċabilità huma mod xieraq biex jiġu miġġielda l-introduzzjoni u t-tixrid ta' mard.



©Shutterstock/Fernando Gomes

Sabiex jappoġġja l-oġġettivi ta' dan il-Pjan ta' Azzjoni, il-Kumitat iħeġġeġ lill-UE tieħu pożizzjoni b'saħħitha matul is-17-il laqgħa li ġejja tal-Konferenza tal-Partijiet (COP17) dwar il-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Salvaġġi fil-Periklu (CITES). B'mod partikolari, il-KESE jitlob lill-Kummissjoni Ewropea biex tappoġġja t-talba għall-għeluq tas-swieq domestiċi għall-avorju bħala kontribut kruċjali għall-prevenzjoni tat-theddida tal-estinzjoni tal-iljunfanti Afrikani.

Fl-aħħar nett, il-KESE jtenni r-rieda tiegħu li jappoġġja kull inizzjattiva tal-UE f'dan il-kuntest. (sma)

Strateġija industrijali ġdida għall-'era diġitali'

L-opportunitajiet marbutin mal-hekk imsejħa rivoluzzjoni industrijali diġitali jeħtieġu reazzjoni koordinata min-naħa tal-partijiet interessati kollha, iffukar imġedded fuq il-ħiliet u t-twaqqif ta' networks reġjonali. Fl-Opinjoni tiegħu **L-Industrija 4.0 u t-trasformazzjoni diġitali: it-triq 'il quddiem**, il-KESE għalhekk jappella għal "strateġija industrijali tal-UE 4.0" sabiex tiġi indirizzata l-frammentazzjoni attwali li tirriżulta minn 28 politika diġitali separata.

Il-KESE jixtieq li l-Kummissjoni tiffoka fuq li titqajjem sensibilizzazzjoni dwar l-importanza tal-akkwist ta' ħiliet diġitali, u biex tippreżenta koordinazzjoni effettiva fil-livell tal-UE bħala eżempju lill-gvernijiet nazzjonali. Iċ-ċentri tal-innovazzjoni diġitali bħala ċentri għat-taħriġ avvanzat tal-ħaddiema jistgħu jkunu mezz effettiv.

"Il-koooperazzjoni hija kruċjali," qal ir-relatur Joost van Iersel (Grupp ta' Min l-ħaddem – NL). "Il-Pjattaforma 4.0 nazzjonali u reġjonali jridu jgħibu flimkien l-atturi rilevanti kollha. Fi ħdan qafas komuni tal-UE, kull waħda minnhom għandha tivviluppa l-karatteristiċi



©Shutterstock/frank peters

partikolari tagħha. L-isħubijiet ta' kull tip, is-sinerġiji u r-raggruppamenti, l-arranġamenti transkonfinali u l-istabbiliment ta' punti ta' riferiment Ewropej għandhom jiġu promossi."

Il-KESE jistenna li l-Kummissjoni taġixxi bħala xprun biex timplimenta l-pjan strateġiku.

Il-Kumitat jixtieq ukoll li dawk li jfasslu l-politika jieħdu kont tal-konsegwenzi soċjali konsiderevoli tar-rivoluzzjoni industrijali diġitali. L-approfondiment tad-djalogu soċjali tal-UE se jiffaċilita l-aġġustamenti bikrin fil-qasam tal-liġi soċjali u tax-xogħol, sabiex jiġu protetti l-ħaddiema. (sma)

L-anzjani onlajn diġitali u l-ekonomija tal-anzjani


Fl-Opinjoni tiegħu **Il-pilastru diġitali tat-tkabbir: l-anzjani onlajn, potenzjal ta' 25 % tal-popolazzjoni Ewropea**, adottata fil-plenarja ta' Lulju, il-KESE jistqarr li l-għadd ikbar ta' anzjani jista' jkun opportunità għas-settur kummerċjali. Fil-fatt, madwar 25 % tal-popolazzjoni tal-UE huma ċittadini anzjani, u jikkostitwixxu suq li qed jikber ta' atturi ekonomiċi u soċjali fl-era diġitali.

L-UE qed tiffaċċja sfida ġdida: kif dawn il-125 miljun ruħ jibqgħu inklużi fil-ħajja ta' kuljum u biex jiġu mħeġġa jaċċettaw id-diġitalizzazzjoni mifruxa. Huwa indispensabbli li nibdlu l-approċċ tagħna lejn l-"ekonomija tal-anzjani", fil-fehma tal-KESE.

Sal-2060, se jkun hemm żewġ persuni anzjani għal kull persuna żagħżuġha, u n-numru ta' persuni anzjani ħafna se jaqbeż l-għadd ta' tfal taħt il-ħames snin.

"It-teknoloġiji tal-informatika", irrimarkat ir-relatur tal-KESE Laure Batut (Grupp tal-Ħaddiema – FR), "għandhom isiru wkoll parti minn ħajjet il-125 miljun ċittadin anzjan daqs kemm huma għal oħrajn, u mhux limitati għal għajnuna teknika jew medika".

Approċċ wieħed għandu jkun li jiġu pprovduti spazji pubbliċi fejn in-nies ikollhom aċċess għall-internet



©Shutterstock/NemanjaKisicent

b'xejn, b'assistenza offruta mill-amministrazzjoni lokali, u li jiġu stabbiliti servizzi ċiviċi volontarji ddedikati. Huwa ovvju li l-iżgurar tal-aċċess jeħtieġ l-iżvilupp ta' sistema ta' governanza globali sabiex l-anzjani jiddaħħlu fid-dinja diġitali. Barra minn hekk, il-KESE jirrakkomanda li tizzied fergħa "anzjani" għall-Erasmus+, li tissejjaħ, ngħidu aħna, **SEN-ECA: Programm tal-Erasmus għall-Anzjani**, li tista' tkun pjattaforma ideali għall-iskambju tal-aħjar prattika u l-promozzjoni tal-akkwist ta' ħiliet diġitali. (cad)

L-investiment, l-integrazzjoni u d-djalogu soċjali għal settur tal-avjazzjoni Ewropew li jagħmel qligħ

Fil-fehma tal-KESE, l-għan ġenerali tal-istrateġija tal-avjazzjoni tal-UE għandu jkun li jinħoloq ambjent li jħeġġeġ investituri Ewropej biex jinvestu fis-settur tal-avjazzjoni.

Fl-Opinjoni tiegħu **Pakkett tal-Avjazzjoni I**, il-Kumitat jappella għal investiment Ewropew biex isegwi l-eżempju ta' gvernijiet oħra madwar id-dinja li jinvestu b'mod strateġiku fl-industrija tal-avjazzjoni tagħhom. Bħalissa s-settur qed iħabbat wiċċu ma' kompetizzjoni qawwija minn kompetituri li mhumiex fl-UE u s-suq Ewropew huwa attraenti ħafna għal kumpaniji u manifatturi esterni.

"Irridu nikkonvinċu l-investituri Ewropej li l-avjazzjoni tista' tibqa' negozju li jrendi," qal Jacek P. Krawczyk, ir-relatur tal-KESE u President tal-Grupp ta' Min l-ħaddem. "L-avjazzjoni Ewropea trid tkun proattiva meta tikkompeti ma' atturi globali. Jekk oħrajn jixtiequ jibbenefikaw mis-suq Ewropew kbir, dawn għandhom jissodisfaw l-istandards Ewropej mil-lat ta' sikurezza, protezzjoni ambjentali, il-liġi dwar ix-xogħol u l-għajnuna mill-istat."

Il-KESE jsostni li minbarra l-ħtieġa ta' kundizzjonijiet ekwi, l-istrateġija se tirnexxi biss jekk din tgawdi



©Shutterstock/aldarab

IL-KESE MINN ĠEWWA

Ir-Rapport ta' Attività Annwali 2015

Għadu kif ġie ppubblikat il-fuljett "Il-KESE minn ġewwa", li huwa l-verżjoni maħsuba għall-pubbliku tar-rapport uffiċjali **Rapport annwali ta' attività għall-2015**.

Dan il-fuljett, li huwa miżgħud bil-grafika u elementi viżivi diversi, jippermetti li wieħed jifhem aħjar il-mekkaniżmi tal-KESE, u jeżisti fi tliet verżjonijiet lingwistiċi: bil-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż. Kopji stampati jistgħu jinkisbu mingħand vipcese@eesc.europa.eu.

Ir-rapport jinsab hawnhekk: <http://www.eesc.europa.eu/?i=portal.en.publications&itemCode=40141>



Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni tal-UE biex issaħħaħ il-koeżjoni ekonomika u soċjali u ta' sjieda taċ-ċittadini tal-UE

Sena għal impetu ġdid u solidarjetà ikbar fl-Ewropa

Il-President tal-KESE, is-Sur George Dassis, iltaqa' nhar it-18 ta' Lulju mal-ewwel Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea, Frans Timmermans, biex jagħti l-kontribut tal-KESE għall-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni Ewropea għall-2017. Il-Kumitat jirrakkomanda t-tiħiħ tal-koeżjoni ekonomika u soċjali, it-tiħiħ tar-rwol globali tal-UE, u l-għoti ta' sens akbar ta' sjieda tal-UE liċ-ċittadini Ewropej.



Fil-kontribut tiegħu, il-KESE jenfasizza li l-2017 għandha tkun sena ta' momentum ġdid u aktar solidarjetà fl-Ewropa. Il-KESE jirrakkomanda azzjonijiet konkreti dwar id-dokument ta' strateġija tal-Kummissjoni tal-2017. Il-KESE jitlob ukoll li jkun involut bis-siħ fil-proċess tan-negozjar tal-Brexit u jhegġegħ lill-Kummissjoni biex tikkunsidra mill-ġdid l-10 oqsma ta' prijorità tagħha, filwaqt li tqis il-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE.

Il-President Dassis qal li "Il-Kummissjoni għandha taħdem sabiex terġa' tibni spirtu ta' solidarjetà u responsabbiltà fl-Ewropa u tikseb lura l-appoġġ

pubbliku. Hija għandha wkoll tagħmel hilita kollha biex issolvi l-inċertezzi attwali dwar il-futur tal-UE malajr kemm jista' jkun. Ir-riżultat tar-referendum Inġliż sfortunatament ifakkarna li l-proġett Ewropew jista' jimxi 'l quddiem biss jekk it-tħassib taċ-ċittadini – li hu ddominat minn inċertezza ekonomika u soċjali li qed tiżdied – jiġi indirizzat permezz ta' reazzjonijiet rapidi u effettivi." (mm)



Il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima titlob l-involvement qawwi taċ-ċittadini

Il-KESE adotta Opinjoni dwar **Koalizzjoni biex twassal l-impenji tal-Ftehim ta' Pariġi**, fejn jagħti ħarsa mill-qrib lejn kif is-soċjetà ċivili tista' tiġi involuta aħjar fl-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi. Il-potenzjal tas-soċjetà ċivili għandu jiġi sfruttat bis-siħ mil-lat ta' miżuri għall-protezzjoni tal-klima; is-settur tal-enerġija, b'mod partikolari, joffri opportunitajiet enormi. "Hija l-burokrazija li żżomm lil ħafna persuni milli jwettqu l-proġetti proprji tagħhom. Ostaklu ieħor huwa l-aċċess għall-finanzi", spjega r-relatur Lutz Ribbe (Grupp ta' Interessi Varji – DE) filwaqt li appella għal koalizzjoni ta' governanza f'diversi livelli, li għandha tagħti nifs ġdid għall-prinċipju "aħseb globalment, aġixxi lokalment".

Din il-koalizzjoni għandha:

- tikseb stampa ċara ta' dak li l-atturi tas-soċjetà ċivili qed jippanaw u li huma kapaċi/permessi jwettqu;
- tidentifika l-ostakli li qed iħabbtu wiċċhom magħhom u teliminahom;

- titkellem dwar l-istejjer ta' suċċess sabiex thegġegħ lill-oħrajn;
- tispjega x'għandu jsir biex l-affarijiet jirnexxu billi tispeċifika l-kundizzjonijiet ewlenin għas-suċċess; u
- tiżviluppa qafas ta' politika li jstabbilixxi l-kundizzjonijiet meħtieġa għal azzjoni.

Il-KESE qed jitlob għal qafas b'approċċ 'minn isfel għal fuq' għall-azzjoni klimatika u l-protezzjoni soċjali għal dawk involuti. "Id-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv bejn l-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem u t-trejdjunjins għandhom joħlqu dan il-qafas għal professjonijiet ġodda u metodi ġodda ta' ħidma", qalet Isabel Caño Aguilar (Grupp tal-Ħaddiema – ES), relatur tal-opinjoni.

Il-KESE diġà beda jibni din il-koalizzjoni f'kooperazzjoni mal-KTR, il-Comité 21 u msieħba oħrajn. (sma)

VIEWPOINT

L-UE u t-Turkija – Djalogu raġonevoli għal soluzzjonijiet raġonevoli

minn Dilyana Slavova, President tas-Sezzjoni Speċjalizzata tal-KESE għar-Relazzjonijiet Esterni, Grupp ta' Interessi Varji

Tul l-aħħar sena, it-Turkija kienet protagonista fix-xena politika globali wara l-kriżi Sirjana, il-fluss massiv ta' refuġjati lejn l-Ewropa u dan l-aħħar il-kolp ta' stat li falla.

Wara l-kolp ta' stat, fit-Turkija ġie ddikjarat stat ta' emerġenza, u l-Ewropej qed jibzġghu li l-President Erdoğan jista' jkun qed juża l-attentat ta' kolp ta' stat bħala skuża biex isaħħaħ iżjed il-kontroll tiegħu, filwaqt li l-Gvern Tork qed jipprotesta dwar in-nuqqas ta' empatija tal-UE.

Iċ-ċittadini tal-UE huma mħassba ħafna dwar l-iżviluppi reċenti fit-Turkija, li juru livell għoli ta' kontroll, u involviment, mill-istat fuq is-soċjetà ċivili organizzata, u qed jistaqsu mistoqsijiet serji dwar il-futur ta' organizzazzjonijiet indipendenti tas-soċjetà ċivili u rwol usa' tas-soċjetà ċivili fit-Turkija.

Aħna lkoll ikkundannajna t-tentattiv ta' kolp ta' stat, u insistejna li l-"istat ta' emerġenza" ma jistax jintuża għall-abbuż tad-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt. It-tentattiv ta' kolp ta' stat għandu jkun raġuni biex jinżammu, mhux jinkisru, il-konvenzjonijiet tal-ILO u l-konvenzjonijiet internazzjonali u Ewropej dwar id-drittijiet tal-bniedem.

Din hija r-raġuni għaliex huwa imperattiv li l-UE tiġi adattata biex issir reżiljenti għal tibdil ġeopolitiku rapidu. Jeħtieġ li jiġu żviluppati approċċi effettivi ta' maniġġar ta' kriżijiet, hekk kif il-kriżijiet qed isiru parti minn haġġitna. Neħtieġu soluzzjonijiet raġonevoli għall-isfidi li qed inħabbtu wiċċna magħhom bħala Unjoni.

X'inhuma s-soluzzjonijiet?

L-ispiża biex it-Turkija tiġi eskluża mill-integrazzjoni Ewropea hija għolja ħafna għall-UE kif ukoll għat-Turkija. Kieku t-Turkija kienet involuta bis-siħ fil-proċess ta' adeżjoni mal-UE minn mindu bdew in-negozjati fl-2005 – dwar kwistjonijiet li jvarjaw mill-politika barranija, l-istat tad-dritt u r-refuġjati sat-tkabbir ekonomiku u l-politiki tal-enerġija – l-istampa llum kienet tkun differenti ħafna.

L-Ewropa għandha tkun ħafna aktar kreattiva u intelliġenti fit-trattament tagħha tat-Turkija. Ma nistgħux nibdlu l-pożizzjoni ġeopolitika iżda nistgħu nkunu aktar innovattivi fil-mod kif ninteraġixxu mal-ġirien tagħna. Għandna bżonn il-paċi u l-istabbiltà mal-fruntieri tagħna. It-Turkija u l-Ewropa għandhom jimmoderaw ir-retorika tagħhom u jżidu l-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet ta' politika li jaffettwaw liż-żewġ naħat. It-Turkija għadha ġar ġeostrateġiku importanti u l-ebda Stat



Dilyana Slavova, President tas-Sezzjoni Speċjalizzata tal-KESE dwar ir-Relazzjonijiet Esterni

Membru individwali ma jista' jinnegozja mat-Turkija b'suċċess. Jeħtieġ li l-UE jkollha strateġija komuni ċara biex tindirizza l-isfidi tal-migrazzjoni, il-kontroll tal-fruntieri u approċċ ta' fluss filtrat għall-flussi tar-refuġjati u tal-migranti. Wasal iż-żmien li nagħnu bħala msieħba mat-Turkija biex jintlaħaq djalogu raġonevoli għal soluzzjonijiet raġonevoli.

Deterjorament fir-relazzjonijiet tax-xogħol u d-drittijiet tax-xogħol fir-Renju Unit: rapport ġdid mill-Grupp tal-Ħaddiema tal-KESE

Il-Grupp tal-Ħaddiema tal-KESE kkummissjona organizzazzjoni indipendenti bbażata fir-Renju Unit – id-Dipartiment tar-Riċerka tax-Xogħol – biex tfassal rapport li jismu *Il-kriżi u l-evoluzzjoni tar-relazzjonijiet tax-xogħol fir-Renju Unit*. Il-konklużjonijiet prinċipali tar-rapport huma li r-relazzjonijiet tax-xogħol u d-drittijiet tax-xogħol fir-Renju Unit inġenerali ħadu tisbita minn żmien il-kriżi finanzjarja tal-2008-2009.

Minn dan il-perjodu ta' kriżi tal-kreditu u reċessjoni kbira, l-istatus, ir-rwol u s-setgħa tat-trejdjunjins iddeterjoraw, is-sħubija tagħhom naqset u t-Trade Union Act tal-2016 kompli jillimita l-azzjoni ta' strajk.

Ir-rapport speċifikament jenfasizza l-miżuri meħuda sa mill-2010 biex ikun hemm livell ogħla ta' awsterità, jitnaqqsu l-benefiċċji u jingħataw spinta l-kuntratti temporanji, inklużi l-hekk imsejħa kuntratti żero sigħat (kuntratti li ma jispeċifikawx il-ħinijiet tax-xogħol) fejn il-ħaddiema mhumiex garantiti

introjtu minimu. Madankollu, ir-rapport jinnota wkoll xi aspetti pożittivi bħal sforzi biex titnaqqas id-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa u l-introduzzjoni ta' paga nazzjonali volontarja li tiggarrantixxi l-għajxien.

Minkejja li ġie ppubblikat qabel id-deċjżjoni tar-Renju Unit li jitleq mill-Unjoni Ewropea, ir-rapport jenfasizza li kemm il-junjins tal-ħaddiema kif ukoll il-junjins ta' min iħaddem fir-Renju Unit kienu kontra l-Brexit.

"Minkejja l-Brexit, jew dak li jirriżulta minnu, it-trejdjunjins tal-UE se jkomplu jaħdmu mill-qrib mat-trejdjunjins tar-Renju Unit sabiex joħlqu Ewropa aktar ġusta u soċjali", stqarret is-Sinjura Gabriele Bischoff, President tal-Grupp tal-Ħaddiema tal-KESE. "Jeħtieġ li nibzġghu nżommu l-klassifikazzjoni AAA soċjali b'mod ġenerali", hija enfazzat.

L-istudju huwa disponibbli minn: <http://www.eesc.europa.eu/?i=portal.en.group-2-studies.39081> (cad)

Il-membri tal-KESE jieħdu sehem f'dibattiti madwar l-Ewropa dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali

F'Marzu 2016, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat inizjattiva għal Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali sabiex jingħata bidu għall-impenn tal-President Juncker sabiex jiġi żgurat "suq tax-xogħol li jkun ġust u tabilħaqq pan-Ewropew", bħala parti mill-ħidma kontinwa sabiex tinkiseb Unjoni Ekonomika u Monetarja aktar approfondita u aktar ġusta. Il-KESE jixtieq jiżgura li s-soċjetà ċivili Ewropea tkun involuta bis-siħ f'din l-inizjattiva importanti. Għalhekk qiegħed jorganizza dibattiti mas-soċjetà ċivili organizzata fl-Istati Membri kollha. Dan għandu jipprovdi pjattaforma sabiex jiġu skambjati u jinġabru l-femmet dwar l-aktar sfidi soċjali u ekonomiċi urġenti fil-livell nazzjonali u Ewropew, u kif Pilastru Ewropew tas-Drittijiet Soċjali jista' jikkontribwixxi sabiex dawn jiġu indirizzati.

Id-dibattiti għandhom isiru minn Settembru sa nofs Ottubru 2016 u r-rakkomandazzjonijiet se jikkontribwixxu għall-Opinjoni tal-KESE dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, li għandha tiġi adottata waqt is-sessjoni plenarja ta' Diċembru.

L-Opinjoni tal-KESE se tikkontribwixxi għall-White Paper tal-Kummissjoni dwar il-futur tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja li għandha tiġi ppubblikata fl-2017.

L-Opinjoni tal-KESE se tkopri firxa ta' kwistjonijiet, inkluż il-futur tax-xogħol fil-kuntest tar-realtàjiet li qegħdin jinbidlu tad-dinja tax-xogħol bħat-tranżizzjoni lejn ekonomija diġitali fl-UE, kif is-suq tax-xogħol jista' jindirizza aħjar il-bżonnijiet tal-kumpaniji, tal-ħaddiema u ta' dawk li qed ifittxu impjeg, kif jistgħu jiġu żgurati protezzjoni u servizzi soċjali sostenibbli u ta' kwalità, kif ukoll kif għandhom jiġu promossi u sostnuti soċjetajiet ta' koeżjoni fl-Ewropa. Waqt li tiġi riflessa l-importanza tal-pilastru soċjali għall-Kumitat, il-Presidenti tat-tliet Gruppi tal-KESE se jaqdu r-rwol ta' relaturi tal-Opinjoni tal-KESE: is-Sur Krawczyk (Grupp ta' Min Iħaddem), is-Sinjura Bischoff (Grupp tal-Ħaddiema) u s-Sur Jahier (Grupp ta' Interessi Varji). (cad/dm)

Il-Grupp ta' Min Iħaddem waqt il-Forum Ewropew għal Ideat Ġodda

Xi sfida tirrappreżenta l-industrija 4.0 għas-sistema eżistenti tar-relazzjonijiet industrijali? X'inizjattivi għandhom jittieħdu minn dawk li jfasslu l-politika, l-intrapriżi u l-ħaddiema sabiex jibbenefikaw mir-rivoluzzjoni diġitali kontinwa? Kif se jinbidel is-suq tax-xogħol fis-snin li ġejjin u x'forma se jkollu d-djalogu soċjali fil-futur? Dawn huma l-mistoqsijiet li għandhom isiru matul il-panel organizzat mill-Grupp ta' Min Iħaddem waqt il-Forum Ewropew għal Ideat Ġodda (EFNI), li ser isir f'Sopot, il-Polonja, fl-aħħar ta' Settembru.

"Ir-raba' rivoluzzjoni industrijali li għaddeja bħalissa mhux biss se tibdel kompletament l-organizzazzjoni tal-produzzjoni iżda se jkollha wkoll impatt enormi fuq is-suq tax-xogħol u, konsegwentement, fuq id-djalogu soċjali," qal Jacek Krawczyk, President tal-Grupp ta' Min Iħaddem. "Peress li l-edizzjoni ta' din is-sena tal-EFNI hija ddedikata għall-ġejjieni tax-xogħol, iddeċidejna li nanalizzaw dan l-impatt fid-dettall."



Jacek P. Krawczyk, President tal-Grupp ta' Min Iħaddem, waqt il-Forum Ewropew għal Ideat Ġodda fl-2015

Id-diskussjoni, bit-titolu "Ir-raba' rivoluzzjoni industrijali se tibdel b'mod radikali r-rwoli u l-importanza kemm tal-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem kif ukoll tat-trejdjunjins?", se tiġbor flimkien l-imsieħba soċjali fil-livell Ewropew u nazjonali, inklużi r-rappreżentanti tal-BUSINESSEUROPE u ETUC.

Il-Forum Ewropew għal Ideat Ġodda huwa kungress internazzjonali tal-komunitajiet tan-negozju li għalih jattendu rappreżentanti prominenti mill-qasam tal-politika, il-kultura, ix-xjenza u l-midja. Sa mill-2011, dan jiġi organizzat mill-Konfederazzjoni Pollakka Lewiatan, f'kooperazzjoni ma' BUSINESSEUROPE, il-belt ta' Sopot u kumpaniji u istituzzjonijiet Pollakki u barranin. (lj)

Il-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali għandha tkun prijorità

"Ħadd m'għandu jitwarrab", qalet Gabriele Bischoff, President tal-Grupp tal-Ħaddiema tal-KESE, matul iż-żjara tagħha lir-rebbieħ tal-Premju tal-KESE għas-Soċjetà Ċivili tal-2015 Armut und Gesundheit in Deutschland, organizzazzjoni ddedikata biex tipprovi kura medika lill-fqar u lil dawk żvantaġġati soċjalment. L-għan taż-żjara kien li tara hi stess kif il-premjju, li jnora u jinkoraġixxi proġetti ta' solidarjetà, tpoġġa fil-prattika u għen lill-organizzazzjoni twettaq il-proġetti tagħha. Hi enfasizzat l-impenn tal-KESE għall-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali: "Għandna armata ta' nies impenjati fis-soċjetà ċivili tagħna," qalet is-Sinjura Bischoff, li ddeskriviet l-approċċ tal-KESE. "Dawn in-nies jisthoqquq l-apprezzament tagħna u l-appoġġ politiku neċessarju."

Il-faqar jieħu ħafna forom: il-qgħad, in-nuqqas ta' akkomodazzjoni,

nuqqas ta' opportunitajiet edukattivi jew l-ebda opportunitajiet, limitazzjonijiet materjali, problemi ta' saħħa, eċċ. L-għajnuna lill-foqra biex jergħu jiksbi saħħithom – din hija l-missjoni li l-fundatur u d-direttur ta' din l-assoċjazzjoni f'Mainz, il-Prof. Gerhard Trabert, impenja ruħu li jwettaq. Huwa jsuq klinika mobbli fejn iżur persuni bla akkomodazzjoni u dawk żvantaġġati soċjalment. L-assoċjazzjoni hija attiva ħafna wkoll fl-għoti ta' pariri dwar problemi soċjali, speċjalment mill-ġdid fis-soċjetà. Is-Sinjura Bischoff semgħet ħafna stejjer ta' qsim il-qalb, ħafna minnhom dwar ħaddiema impjegati b'mod qarrieqi bħala ħaddiema li mhux tassew jaħdmu għal rashom, bla ma jafu li ma kellhom l-ebda assigurazzjoni. "Il-moviment liberu tal-ħaddiema huwa wieħed mill-aktar prinċipji importanti tal-Unjoni Ewropea," hija



Gabriele Bischoff, President tal-Grupp tal-KESE tal-Ħaddiema, waqt li qed iżżur ir-rebbieħ tal-Premju tal-KESE għas-Soċjetà Ċivili 2015 "Armut und Gesundheit in Deutschland"

qalet, "iżda mhuxwix aċċettabbli li l-ħaddiema barranin jiġu impjegati b'mod qarrieqi bħala ħaddiema li mhux tassew jaħdmu għal rashom. L-UE tista' u għandha tiegħu azzjoni biex tintemm din il-prattika". Madankollu hi semgħet ukoll bil-ħafna suċċessi li l-assoċjazzjoni setgħet tikseb permezz tal-impenn tal-membri tagħha u anke permezz tar-rikonoxximent u l-appoġġ finanzjarju tal-KESE. (sma)

FIL-QOSOR

Delegazzjoni tal-KESE għamlet iżjara f'Moska sabiex jiġi appoġġat id-djalogu kontinwu mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili Russi.

Il-KESE organizza missjoni lejn ir-Russja fit-30-31 ta' Awissu. Iż-żjara ta' jumejn iprovdiet opportunità lill-membri tal-KESE biex jiltaqgħu ma' rappreżentanti kemm tal-Kamra Ċivika tal-Federazzjoni Russa kif ukoll tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili Russa. Id-delegazzjoni tal-KESE ddiskutiet is-sitwazzjoni attwali għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, speċifikament fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem u l-ambjent.

Bħala l-korp Ewropew li jirrappreżenta s-soċjetà ċivili organizzata Ewropea fil-proċess leġislativ tal-UE, f'konformità mal-prinċipji ta' gwida tal-politika tal-UE lejn ir-Russja, il-KESE jibqgħa konvint li hemm bżonn ta' djalogu mas-soċjetà ċivili bejn l-UE u r-Russja sabiex jibqgħu miftuħa f'kull mument, u, biż-żjara f'Moska, il-KESE afferma mill-ġdid l-interess kontinwu tiegħu li jkun parteċipant fil-kuntatti bejn il-persuni u li jappoġġja l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili

Russa li jirrappreżentaw interessi u fehmiet differenti u diversi.

Id-delegazzjoni kienet magħmula minn membri tal-kumitat ta' segwitu UE-Russja Markus Penttinen (Grupp tal-Ħaddiema, FI) u Ulrika Westerlund (Grupp ta' Interessi Varji, SE) u minn Dilyana Slavova (President tas-Sezzjoni tal-KESE għar-Relazzjonijiet Esterni, Grupp ta' Interessi Varji, BG). (mm/dm)

Ir-rwol tas-soċjetà ċivili fl-Unjoni Ewropea tal-Enerġija:

L-iżgurar ta' enerġija sigura, sostenibbli, kompetittiva u għall-but ta' kulħadd

Fis-27 ta' Ottubru 2016, il-Grupp ta' Interessi Varji se jorganizza konferenza dwar Ir-rwol tas-soċjetà ċivili fl-Unjoni Ewropea tal-Enerġija: L-iżgurar ta' enerġija sigura, sostenibbli, kompetittiva u għall-but ta' kulħadd, li se ssir fi Bratislava.



L-għan tal-konferenza huwa li jkun hemm fehim aħjar tar-rwol li s-soċjetà ċivili għandha taqdi fil-qasam tas-sigurtà tal-enerġija u t-tranżizzjoni għal enerġija rinnovabbli fil-livell kemm nazjonali kif ukoll reġjonali. L-isfida hija li l-kontribut tas-soċjetà ċivili u l-għarfien espert jiġi orjentat lejn il-ħolqien ta' aktar rabtiet, sħubijiet u djalogu bejn l-atturi lokali, nazjonali u reġjonali.

Maroš Šefčovič, Viċi President responsabbli għall-Unjoni tal-Enerġija tal-Kummissjoni Ewropea, diġà kkonferma l-parteċipazzjoni tiegħu waqt is-sessjoni tal-ftuħ bħala kelliem ewlieni. Is-Sur Šefčovič se jippreżenta l-fehma tal-Kummissjoni dwar ir-rwol tas-soċjetà ċivili fl-Unjoni Ewropea tal-Enerġija.

B'mod aktar speċifiku, il-Konferenza se tanalizza dawn l-erba' temi:

- is-sigurtà tal-enerġija u l-provvista effiċjenti

- il-ġestjoni effettiva tat-tranżizzjoni għal enerġija rinnovabbli
- Unjoni tal-Enerġija b'politika dwar it-tibdil fil-klima li tħares lejn il-futur
- modi li permezz tagħhom il-politika dwar l-enerġija tista' twassal għall-iżvilupp nazjonali u reġjonali
- it-tiswir mill-ġdid tas-suq tal-elettriku u l-impatt fuq il-konsumaturi vulnerabbli (cl)

DALWAQT FIL-KESE

Wirja


"Il-bosk tal-memorji: Marcinelle wara t-traġedja"

Il-KESE qiegħed jospita wirja ta' ritratti mill-fotografu professjonali Max Pelagatti. Il-wirja, li se ddum mill-21 ta' Settembru sal-14 ta' Ottubru 2016, għandha t-titlu *Il-bosk tal-memorji: Marcinelle lil hinn mit-traġedja*, u tirakkonta l-ħajja ta' kuljum tal-familja tal-ħaddiema Taljani fil-minjieri li kienu jgħixu fil-Belġju matul l-għaxar snin bejn l-1946 u l-1956. Dan il-perjodu ġie kkaratterizzat mill-iffirmar tal-ftehimiet bilaterali bejn il-Belġju u l-Italja dwar il-migrazzjoni tax-xogħol u d-diżastru fil-minjiera tal-faħam ta' Bois du Cazier fit-8 ta' Awwissu 1956.

L-avveniment huwa organizzat biex jikkommemora s-60 sena mill-katastrofu ta' Bois du Cazier u s-70 sena mill-ftehimiet bilaterali.

Flimkien mat-tnedija fil-21 ta' Settembru, se jiġi organizzat dibattitu mhux politiku bil-kooperazzjoni tas-Sezzjoni SOC. L-għan ta' dan id-dibattitu

©Max Pelagatti



se jkun li jstimula r-riflessjoni dwar is-sigurtà tal-ħaddiema kif ukoll dwar is-suġġett tal-immigrazzjoni fix-xena kontemporanja, biex jitravwem sens ta' ċittadinanza attiva Ewropea, is-solidarjetà u t-tolleranza (jp)

Il-KESE Info hija disponibbli wkoll bi 23 lingwa f'verżjoni PDF mis-sit web tal-Kumitat: <http://www.eesc.europa.eu/?i=portal.en.eesc-info>

Editur:

Alun Jones (kap editur)
Daniela Marangoni (dm)

Il-kontributuri għal din l-edizzjoni huma:

Caroline Alibert-Deprez (cad)
Chloé Lahousse (cl)
Dilyana Slavova (ds)
Jonna Pedersen (jp)
Leszek Jarosz (lj)
Milen Minchev (mm)
Silvia M. Aumair (sma)

Koordinazzjoni globali:

Agata Berdys (ab)

Edizzjoni magħluqa fil-5 ta' Settembru 2016

Indirizz:

Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Bini Jacques Delors, 99 Rue Belliard, B-1040 Brussell, il-Belġju
Tel. (+32 2) 546.93.96 jew 546.95.86
Faks (+32 2) 546 97 64
Indirizz elettroniku: eescinfo@eesc.europa.eu
Internet: <http://www.eesc.europa.eu/>

Il-KESE Info tiġi ppubblikata disa' darbiet fis-sena matul is-sessjonijiet plenarji tal-KESE.

Il-verżjonijiet stampati tal-KESE Info bil-Ġermaniż, l-Ingliż u l-Franċiż jistgħu jinkisbu b'xejn mis-servizz tal-Istampa tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.

Il-KESE Info hija disponibbli wkoll bi 23 lingwa f'verżjoni PDF mis-sit web tal-Kumitat:
URL: <http://www.eesc.europa.eu/?i=portal.en.eesc-info>

Il-KESE Info ma tistax titqies bħala r-rapport uffiċjali tal-ħidmiet tal-KESE; għal dawn, jekk jogħġbok irreferi għall-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew għal pubblikazzjonijiet oħrajn tal-Kumitat.

Ir-riproduzzjoni hija permessa jekk KESE Info titniżżel bħala s-sors u tintbagħat kopja lill-editur.

Numru ta' kopji stampati: 5 800 kopja.

Ħarġa li jmiss: Ottubru 2016

STAMPATA FUQ KARTA RIĊIKLATA 100 %

Settembru 2016 / 7



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet